MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 3(2013) (laqgħa b'urġenza), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tnejn 18 ta' Frar 2013, fil-5:00 p.m.

1. **Preżenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Edric Micallef (E.M.) |
| Viċi-Sindku | Carmelo Bugeja (C.B.) |
| Kunsilliera | AngeloMicallef (A.M.) |
| | Stephen Caruana (S.C.) |

**Skużati**: Is-Sur Steven Grech

**Segretarju Eżekuttiv** Duncan Hall (D.H.)

**Aġenda għal-laqgħa :**

---

**1.** Financial Estimates 2012

**Talba**

Is-Sur Edric Micallef flimkien ma' dawk preżenti qal it-talba.

1. **Financial Estimates 2012**

1.1 Is-Sindku qal illi l-laqgħa b'urġenza issejħet sabiex jiġu diskussi u approvati l-Financial Statements għas-sena 2012. Huwa stieden lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jispjega lill-Kunsilliera preżenti l-kontenut tad-dokument sabiex ikun jista' jiġi diskuss mill-Kunsilliera.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għall-2012 il-Kunsill Lokali kellu dħul ta' €358 719 filwaqt li n-nefqa kienet tammonta għal € 363 082. Dan kien ifisser illi matul l-2012 , il-Kunsill Lokali kien nefaq €4363 aktar minn dak li daħħal. Madanakollu meta wieħed jikkunsidra l-fondi li l-Kunsill kellu f'kontijiet bankarji il-Kunsill Lokali kien għalaq is-sena finanzjarja b'bilanċ pożittiv ta' aktar minn €100 000. D.H imbagħad għadda sabiex jispjega kif kienu intefqu il-fondi matul l-2012 u ta' rendikont lill-Kunsilliera dwar il-varjanzi li kien hemm fi spejjeż rikorrenti bejn l-2011 u l-2012.

Wara li ingħatat l-ispjega tas-Segretarju Eżekuttiv, kien hemm diskussjoni libera dwar din it-tema li matulha ġew diskussi fost l-oħrajn spejjeż relatati ma' kuntratti u spejjeż kapitali. Is-Sur Stephen Caruana ippropona illi l-Kunsill Lokali japprova l-financial statements hekk kif proposti. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Angelo Micallef u għaddiet b'mod unanimu

Il-laqgħa spiċċat fit-6:30p.m.

**Edric Micallef**
**Sindku**

**Duncan Hall**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data :**